Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11122/26**

**ECOFIN 912**
**UEM 316**
**SOC 441**
**EMPL 243**
**COMPET 856**
**ENV 832**
**EDUC 298**
**ENER 454**
**JAI 892**
**GENDER 129**
**JEUN 172**
**SAN 530**
***ECB***
***EIB***

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja ta' Franza |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 210 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja ta' Franza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(2) Fil-25 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 ta' Franza. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[2] fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

---

2 ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj.

(3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[3]. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għal Franza. Dan evalwa l-progress li għamlet Franza fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-RRP minn Franza. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa Franza. Il-Kummissjoni evalwat ukoll il-progress li għamlet Franza fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

(6) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Franza[4]. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2029 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq seba' snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 0,8 % fl-2025, 1,2 % fl-2026, 1,2 % fl-2027, u 1,2 % fl-2028 u 1,1 % fl-2029, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattiv massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2023 ta' 4,6 % fl-2025, 5,8 % fl-2026, 7,1 % fl-2027, 8,4 % fl-2028 u 9,5 % fl-2029. Għas-snin 2025-2029, dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta jikkoinċidu mal-perkors korrettiv, kif irrakkomandat mill-Kunsill l-Artikolu 126(7) TFUE fil-21 ta' Jannar 2025, bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv[5]. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar azzjoni effettiva tat-3 ta' Ġunju 2026[6], il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għal Franza qed tinżamm sospiża.

(7) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża[7] u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.

---

4 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Franza (ĠU C, C/2025/659, 10.02.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/659/oj).

5 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fi Franza, adottata fil-21 ta' Jannar 2025. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ta' Franza jinsabu fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/france_en.

6 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, is-Semestru Ewropew tal-2026 – Pakkett tar-Rebbiegħa, COM(2026) 200 final.

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19.3.2025, C(2025) 2000 final.

(8) Fis-7 ta' Mejju 2026, Franza ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2026[8] tagħha dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati, l-implimentazzjoni tas-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jwieġbu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Franza dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241. Ir-rapport dwar l-azzjoni meħuda skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv huwa integrat fir-Rapport ta' Progress Annwali.

(9) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 0,8 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 0,9 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber b'0,8 % fl-2026 u 1,1 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 2,4 % fl-2026 u 1,8 % fl-2027.

8 Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

(10) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[9], id-defiċit tal-gvern estiż ta' Franza naqas minn 5,8 % tal-PDG fl-2024 għal 5,1 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis fid-defiċit fl-2025 jirrifletti prinċipalment miżuri li jżidu d-dħul ta' madwar 0,5 % tal-PDG u miżuri li jnaqqsu n-nefqa, prinċipalment fuq il-konsum pubbliku u t-trasferimenti soċjali, b'valur ta' kważi 0,3 % tal-PDG, kif ukoll dħul mit-taxxa li jikber aktar mill-PDG nominali. Dan id-dinamiżmu tad-dħul irriżulta prinċipalment minn taxxi indiretti u korporattivi. Dawn il-fatturi aktar milli jikkumpensaw għaż-żieda ta' 0,2 pp. fil-pagamenti tal-imgħax fuq id-dejn tal-gvern, xprunata minn dejn ogħla u rati tal-imgħax ogħla fuq ħruġ ġdid ta' bonds. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 5,1 % tal-PDG fl-2026 u 5,7 % tal-PDG fl-2027. Id-defiċit li ma nbidilx fl-2026 huwa dovut għal għadd ta' fatturi. Minn naħa waħda, dan jirrifletti miżuri li jżidu d-dħul b'valur ta' 0,5 % tal-PDG (li minnhom 0,3 % tal-PDG huma temporanji) li jinkludu, fost l-oħrajn, l-estensjoni tal-kontribuzzjoni eċċezzjonali minn intrapriżi kbar, it-taxxa kumplimentari fuq dħul għoli u ż-żieda tal-kontribuzzjoni soċjali ġeneralizzata (CSG) fuq id-dħul finanzjarju, kif ukoll l-isforzi ta' tnaqqis fid-dotazzjonijiet tan-nefqa lill-ministeri u l-amministrazzjonijiet pubbliċi differenti stabbiliti fil-baġit tal-2026. Min-naħa l-oħra, minbarra l-effett ta' dawn il-miżuri, id-dħul mit-taxxa huwa mistenni li jikber ftit taħt l-attività ekonomika. Barra minn hekk, minbarra l-impatt negattiv tiegħu fuq it-tkabbir, il-kunflitt fil-Lvant Nofsani huwa mistenni li jinvolvi impatt baġitarju dirett addizzjonali ta' 0,2 % tal-PDG marbut ma' piż tal-imgħax ogħla fuq bonds indiċjati fuq l-inflazzjoni (0,1 % tal-PDG), dħul aktar baxx minħabba l-indiċjar tal-eżenzjonijiet tas-sigurtà soċjali marbuta mal-paga minima u nefqa militari ogħla fuq missjonijiet f'dak il-qasam. Dan l-impatt huwa mistenni li jiġi kkumpensat b'mod ġenerali minn iffrankar addizzjonali fin-nefqa mħabbar f'April. Iż-żieda tad-defiċit fl-2027 tirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' dħul fl-2026 b'valur ta' 0,3 % tal-PDG.

[9] Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.04.2026.

(11) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali[10], li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet restrittiva, b'0,9 % tal-PDG fl-2025. Hija pprojettata li tkun restrittiva, b' 0,9 % tal-PDG, fl-2026, u espansjonarja, b' 0,3 % tal-PDG, fl-2027.

(12) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[11], id-dejn tal-gvern estiż ta' Franza żdied minn 112,6 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 115,6 % tal-PDG fi tmiem l-2025. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 tirrifletti prinċipalment defiċits primarji għoljin u pagamenti tal-imgħax li qed jiżdiedu, li aktar milli jikkumpensaw għall-effett ta' tnaqqis tad-dejn tat-tkabbir nominali. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied għal 118,1 % sa tmiem l-2026 u jkompli jiżdied sa 120,2 % sa tmiem l-2027. Iż-żidiet fl-2026 u fl-2027 jirriflettu prinċipalment l-istess fatturi bħal fl-2025.

(13) Abbażi tad-data tal-Eurostat[12], in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fi Franza ammontat għal 1,9 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija pprojettata li tkun 2,1 % tal-PDG fl-2026[13].

---

10 Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

11 Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.04.2026.

12 Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

13 Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

(14) L-Unjoni tkompli tiffaċċa riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, Franza adottat għadd ta' miżuri ta' politika fiskali mmirati biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti[14]. Dawn jinkludu r-rimborż li jikkorrispondi għal spiża stmata ta' EUR 20 ċenteżmi għal kull litru ta' prezzijiet tal-fjuwil għall-mikrointrapriżi u l-SMEs fis-settur tat-trasport pubbliku, is-sajd (li f'dan il-każ żdied f'Mejju), u l-kumpaniji tal-kostruzzjoni u tax-xogħol pubbliku f'April u Mejju; rimborż ekwivalenti għall-ħaddiema b'introjtu baxx għall-użu professjonali ta' vetturi privati bejn April u Ġunju; ir-rimborż għall-bdiewa tad-dazji tas-sisa fuq id-diżil off-road ta' EUR 4 ċenteżmi għal kull litru f'April, żdied f'Mejju għal EUR 15-il ċenteżmu għal kull litru; u l-ħlas eċċezzjonali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-bdiewa l-aktar milquta f'April. Fil-prinċipju, dawn il-miżuri huma mistennija li jitneħħew gradwalment f'Ġunju 2026 u l-kost tagħhom ikkunsidrat fit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jammonta għal inqas minn 0.1 % tal-PDG. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, kieku dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jibqa' taħt iż-0.1 % tal-PDG fl-2026.

(15) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fi Franza kibret b'0,7 % fl-2025 u b'4,0 % b'mod kumulattiv fl-2024 u fl-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata kumulattiva ta' tkabbir tan-nefqa netta hija wkoll taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.

[14] Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

(16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fi Franza hija pprojettata li tikber b'1,4 % fl-2026 u b'5,4 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,1 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva pprojettata tan-nefqa netta hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.

(17) Ir-Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fuq terminu medju ta' Franza tispeċifika s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta minn Franza fir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha, il-Kummissjoni ssib li l-implimentazzjoni tal-passi ewlenin ta' dawn ir-riformi u l-investimenti li kienu dovuti sat-30 ta' April 2026 tidher li tinsab ġeneralment fit-triq it-tajba. Madankollu, ir-riformulazzjoni tal-eżenzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali madwar is-salarju minimu wasslet għal iffrankar aktar baxx minn dak impenjat. Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, Franza kkonformat mal-impenji tagħha b'mod sodisfaċenti. Meta wieħed iħares 'il quddiem, ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2023 ġiet sospiża sa Jannar 2028[15].

[15] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, is-Semestru Ewropew tal-2026 – Pakkett tar-Rebbiegħa, COM(2026) 200 final.

(18) Franza għadha qed tiffaċċa riskji għoljin għas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju u riskji medji għas-sostenibbiltà fit-tul. Hija meħtieġa strateġija fiskali komprensiva u konsistenti kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa biex tingħata spinta lit-tkabbir potenzjali u biex id-dejn pubbliku jinġieb fit-triq tan-niżla biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tiegħu. B'57,2 % tal-PDG fl-2025, in-nefqa pubblika ta' Franza baqgħet it-tieni l-ogħla fl-UE, u 7,7 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li din id-diskrepanza tibqa' madwar 7 punti perċentwali fl-2026. In-nefqa pubblika persistentement għolja fi Franza tqajjem tħassib dwar l-effiċjenza, filwaqt li tirrikjedi wkoll piż tat-taxxa ġenerali għoli, li min-naħa tiegħu huwa ta' piż fuq l-effiċjenza ekonomika. B'riżultat ta' dan, il-konsolidazzjoni fiskali dejjiema fi Franza titlob azzjoni deċiżiva dwar l-infiq pubbliku, f'termini tal-livell, il-kompożizzjoni u l-effiċjenza ġenerali tiegħu. Għal dan l-għan, huma meħtieġa impenji msaħħa ta' ffrankar fir-rigward ta' dawk fil-Pjan fiskali-strutturali Franċiż fuq terminu medju. Strateġija konsistenti u effettiva biex jitnaqqas b'mod permanenti l-infiq pubbliku filwaqt li tittejjeb il-kwalità tiegħu jeħtieġ li tiddependi b'mod sistematiku fuq rieżamijiet ambizzjużi u komprensivi tal-infiq fil-qalba tal-proċess baġitarju konsistenti mal-prijoritajiet fuq terminu medju. Minbarra li jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni fiskali, dan isaħħaħ il-potenzjal ta' tkabbir ta' Franza billi jgħin biex ir-riżorsi pubbliċi jiġu diretti lejn politiki aktar favorevoli għat-tkabbir.

(19) Fil-livell ta' 14,6 % tal-PDG fl-2023, in-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet fi Franza hija relattivament għolja. Skont ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2024, il-proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija huwa pprojettat li jiżdied b'mod sinifikanti fid-deċennji li ġejjin, minn 38,2 % fl-2022 għal 53,2 % fl-2050 u 57,8 % fl-2070. Min-naħa tagħha, l-età effettiva tal-irtirar hija baxxa, bi 62.2 fl-2022. Fost elementi oħra, ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2023 ikkontribwiet għat-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi billi aċċellerat iż-żieda tal-perjodu ta' kontribuzzjoni meħtieġ biex wieħed jirċievi pensjoni sħiħa u billi żiedet gradwalment l-età minima tal-irtirar, biex tagħti spinta lill-impjiegi u lit-tkabbir potenzjali. Fil-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tagħha, Franza impenjat ruħha li tippreserva l-impatt tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2023 fuq is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema matul il-perjodu 2026–2040. Madankollu, f'Diċembru 2025 ir-riforma ġiet sospiża sa Jannar 2028. Din is-sospensjoni tinvolvi deterjorament tal-bilanċ tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika sa nofs is-snin 2030, żieda fid-dejn pubbliku u tnaqqis tal-effetti pożittivi tar-riforma fuq is-suq tax-xogħol, filwaqt li l-isfidi msemmija qabel għadhom sinifikanti ħafna.

(20) Il-piż tat-taxxa fi Franza għadu ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE. Fl-2025, id-dħul mit-taxxa fi Franza kien jirrappreżenta 44,3 % tal-PDG, meta mqabbel ma' 39,9 % għall-EU-27 bħala medja, bir-rata impliċita tat-taxxa fuq ix-xogħol u t-taxxi fuq ix-xogħol imġarrba mill-impjegaturi li huma wkoll fost l-ogħla fl-UE. Fil-livell ta' 4,4 % tal-PDG fl-2024, it-taxxi fuq il-produzzjoni, li huma partikolarment detrimentali għat-tkabbir, huma ferm ogħla mill-medja tal-UE (2,4 % tal-PDG) ukoll, u dan huwa ta' piż fuq il-kompetittività. B'mod speċifiku, it-taxxi fuq il-produzzjoni, jiġifieri fuq il-kont totali tal-pagi u l-pagi, u fuq l-art, il-bini u strutturi oħra, huma ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, it-taxxi fuq il-konsum huma relattivament baxxi, minkejja li huma inqas distorsivi. Fl-istess ħin, in-nefqiet fiskali u soċjali numerużi tat-taxxa jżidu l-kumplessità tas-sistema tat-taxxa, iwasslu għal telf sinifikanti fl-effiċjenza allokattiva u jimplikaw piż baġitarju kbir (ta' kważi 6 % tal-PDG fl-2025). Taħlita tat-taxxa aktar favorevoli għat-tkabbir tkun teħtieġ strateġija fiskali komprensiva mmirata biex ittejjeb it-tkabbir potenzjali u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tat-taxxa, filwaqt li tappoġġa l-konsolidazzjoni fiskali. It-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol (inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) u l-kapital produttiv, filwaqt li jiżdiedu t-taxxi fuq il-konsum, inklużi t-taxxi ambjentali, jista' jgħin biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet ekonomiċi u jiġu appoġġati l-kompetittività u t-tkabbir. Barra minn hekk, it-tnaqqis u r-razzjonalizzazzjoni tal-infiq fiskali u soċjali tat-taxxa jikkontribwixxu għat-twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa, u b'hekk jgħinu biex jiġu evitati żidiet fir-rati statutorji.

(21) Il-livell ta' kumplessità amministrattiva fi Franza huwa għoli. Il-koeżistenza ta' ħafna saffi amministrattivi tinvolvi relazzjonijiet finanzjarji kumplessi f'livelli differenti tal-gvern u kompetenzi li jikkoinċidu. Dawn iġibu magħhom spejjeż żejda ta' koordinazzjoni, mingħajr ma neċessarjament itejbu l-kwalità tas-servizzi pubbliċi pprovduti. It-tnaqqis tal-kumplessità amministrattiva u l-kjarifika tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet finanzjarji fil-livelli differenti tal-gvern jgħinu fit-tmexxija effettiva tan-nefqa u d-dħul, f'konformità mal-impenji baġitarji. Dan iżid l-effiċjenza u l-kwalità ġenerali tan-nefqa pubblika, filwaqt li jirfed il-konsolidazzjoni fiskali.

(22) Id-disparitajiet reġjonali fis-servizzi pubbliċi jippersistu, bħall-kura tas-saħħa (b'mod partikolari fid-"deżerti mediċi"), l-edukazzjoni, il-mobbiltà, u l-akkomodazzjoni, biż-żoni rurali jiffaċċaw sfidi partikolari fl-aċċess għal servizzi essenzjali. Fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza, l-ippjanar dgħajjef tal-użu tal-art u l-kapaċità amministrattiva limitata jkomplu jfixklu l-implimentazzjoni effettiva tal-politika u l-investiment pubbliku.

(23) L-involviment sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(24) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fi Franza, hija ogħla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Franza diġà qed tieħu azzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi programmi fir-reġjuni ultraperiferiċi għadhom qed jiffaċċaw sfidi ta' implimentazzjoni u jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jilħqu l-miri tal-programmi tagħhom. Fl-istess ħin, Franza jeħtieġ li taċċellera l-implimentazzjoni tal-JTF peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati minn Franza fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu[16], jintużaw malajr u b'mod effettiv.

---

[16] Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

(25) Minbarra l-isfidi deskritti hawn fuq, Franza qed tiffaċċa wkoll sfidi relatati mal-piż amministrattiv u regolatorju, l-intensità tar-R&Ż tan-negozju, l-appoġġ għall-innovazzjoni fixkiela, l-effettività tal-kollaborazzjoni bejn in-negozji u d-dinja akkademika, id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u tal-bini, l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u investimenti relatati fil-grilja u l-ħżin tal-elettriku kif ukoll l-elettrifikazzjoni tal-użi finali, il-kwalità u l-iskarsezza tal-ilma, in-nuqqas ta' ħiliet, l-eżiti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ, is-sistema edukattiva, il-professjoni tat-tagħlim u l-faqar fost dawk li jaħdmu u fost it-tfal.

(26) Kif stabbilit fil-Boxxla għall-Kompetittività, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, nazzjonali u lokali jridu jagħmlu sforz kbir biex jipproduċu regoli aktar sempliċi u biex jaċċelleraw il-proċeduri amministrattivi. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, Franza jeħtieġ li tieħu azzjoni ulterjuri. Dan ikun jinvolvi wkoll disponibbiltà akbar ta' servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji, minħabba li l-forniment tagħhom staġna u għadu taħt il-medja tal-UE. F'nofs April 2026, ġiet adottata l-liġi dwar is-simplifikazzjoni tal-ħajja ekonomika. Il-liġi tintroduċi "test tal-intrapriżi" u korp iddedikat, il-Kunsill għas-Simplifikazzjoni li jassoċja r-rappreżentanti tan-negozji, biex jittestja n-normi ġodda u modifikati. Il-Kunsill għas-Simplifikazzjoni jista' jiġi kkonsultat ukoll dwar in-normi eżistenti. Il-liġi tiffaċilita l-istabbiliment ta' proġetti industrijali u infrastrutturali u ċentri tad-data, soġġetti għal kundizzjonijiet, u tiffaċilita proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija. Il-liġi tiffaċilita wkoll l-aċċess tan-negozji għall-akkwist pubbliku. Sehem sinifikanti u li qed jiżdied ta' ditti fi Franza qiesu r-regolamenti tas-suq tax-xogħol u r-regolamenti tan-negozju bħala ostaklu kbir għall-investiment[17]. Il-proċeduri relatati mal-waqfien tal-ħlas, il-waqfien tal-attività u l-proċedimenti legali huma meqjusa bħala l-aktar kumplessi biex jitwettqu. Filwaqt li l-liġi ta' simplifikazzjoni tiffaċilita t-trasferimenti ta' negozji, din ma tindirizzax il-waqfien tal-proċeduri ta' attività.

---

[17] 27 % u 26 % għar-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tan-negozju rispettivament fl-2025, żieda minn 20 % u 19 % fl-2024. B'mod ġenerali, madwar 60 % tan-negozji qiesu dawk ir-regolamenti bħala impediment għall-investiment fl-2025 fi Franza. Stħarriġiet dwar l-investiment tal-BEI tal-2025 u l-2024.

(27) Ir-restrizzjonijiet regolatorji fuq id-ditti domestiċi għadhom ogħla fi Franza milli f'pajjiżi komparabbli għal diversi professjonijiet u huma fost l-ogħla fl-UE għall-bejgħ bl-imnut. Ir-rieżami tal-eżamijiet lokali obbligatorji għall-professjonisti barranin, it-tnaqqis tat-tariffi minimi obbligatorji, u l-offerta ta' alternattivi għas-sħubija obbligatorja ta' korp professjonali jistgħu jappoġġaw aħjar it-tkabbir ta' negozji innovattivi ġodda u jnaqqsu l-kost tal-inputs intermedji. It-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ bl-imnut — bħar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjonijiet u r-restrizzjonijiet operazzjonali — jista' jgħin biex jittejbu l-operazzjonijiet tan-negozju u jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi permezz ta' prezzijiet kompetittivi u għażla usa' tal-prodott. Is-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju għas-settur tal-kostruzzjoni, inkluż il-ħruġ ta' permessi jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet fil-provvista tal-akkomodazzjoni. Ir-regoli nazzjonali dwar l-imballaġġ u t-tikkettar jimponu piżijiet ta' konformità fuq il-kummerċ tal-oġġetti. Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni u l-OECD, ir-restrizzjonijiet regolatorji għall-kummerċ transfruntier intra-ŻEE fis-servizzi fi Franza huma fost l-ogħla fl-UE, b'mod partikolari fl-arkitettura, is-servizzi legali, il-kontabbiltà, is-servizzi ta' distribuzzjoni, it-trasport bl-ajru, il-merkanzija bil-ferrovija u l-merkanzija bit-triq. Kundizzjonijiet imtejba ta' aċċess għas-suq, liċenzjar aktar trasparenti, u ostakli aktar baxxi għall-moviment tal-persuni, appoġġati minn sforzi biex jitnaqqsu l-frizzjonijiet kummerċjali diġitali, jistgħu jippermettu lil Franza tisfrutta l-produttività u l-kisbiet fil-kompetittività.

(28) Minkejja li għandha wieħed mill-ogħla ishma ta' appoġġ pubbliku għar-R&Ż tan-negozju fl-UE, ir-R&Ż privati ta' Franza qed jistaġnaw u baqgħu kemxejn taħt il-medja tal-UE fl-2024. Il-mekkaniżmu ewlieni, il-kreditu tat-taxxa għar-riċerka, huwa pprojettat li jiżdied għal EUR 8.0 biljun fl-2026 (0,3 % tal-PDG)[18]. L-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Politiki tal-Innovazzjoni fl-2021 indikat li l-iskema ma kellha l-ebda effett sinifikanti fuq ditti akbar, minkejja li nofs l-appoġġ ġie ttrasferit lilhom. Immirar aħjar tal-għajnuna lil SMEs innovattivi, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u negozji ġodda u l-iffaċilitar tal-użu tagħhom tal-iskema jistgħu jagħtu spinta lir-R&Ż peress li dawk id-ditti huma aktar limitati finanzjarjament. It-tnaqqis tal-livell limitu tal-ispejjeż eliġibbli taħt il-kreditu ta' taxxa għar-riċerka u ż-żieda fil-vantaġġ għal kumpaniji innovattivi li twaqqfu reċentament u dawk ta' daqs żgħir jistgħu jagħmlu l-iskema aktar effettiva fiż-żieda tal-intensità tar-R&Ż billi jżidu l-effetti ta' addizzjonalità.

---

18 OECD (2020), "How effective are R&D tax incentives? New evidence from the OECD microBeRD project', Directorate for Science, Technology and Innovation Policy Note, OECD, Paris. Conseil d'analysis économique (2022), Focus N°090-2022 "Renforcer l'impact du Crédit d'impôt recherche" Philippe Aghion, Nicolas Chanut et Xavier Jaravel. Bunel, S. and Sicsic, M. (2024), '*Les incitations fiscales à la recherche et développement et à l'innovation : état des lieux, effets et alternatives*', Sciences Po LIEPP Working Paper n°163.

(29) Appoġġ immirat għall-innovazzjoni, kif ipprovdut mill-pjan ta' investiment ta' Franza 2030, tipikament jappoġġa żieda fl-investiment intanġibbli inkluż fil-proprjetà intellettwali, li jwassal għal żieda fil-produttività u l-kompetittività[19]. Evalwazzjoni tal-2023 ta' Franza 2030 tindika impatt imdaqqas fuq il-PDG u l-impjiegi, għalkemm is-simplifikazzjoni tal-appoġġ tista' tkun ta' benefiċċju. Madankollu, Franza qed tnaqqas ir-ritmu fl-użu ta' Franza 2030 u għadu ma tħabbarx pjan ta' investiment ta' segwitu. L-introduzzjoni ta' programm ta' investiment strateġiku pluriennali dirett lejn l-innovazzjoni fixkiela u li jkopri ċ-ċiklu kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'governanza mtejba f'konformità mat-tagħlimiet meħuda minn Franza 2030[20], tista' taċċellera l-użu ta' teknoloġiji ġodda u tappoġġa s-sovranità industrijali f'setturi strateġiċi ewlenin, is-sigurtà ekonomika u t-tkabbir fit-tul.

[19] Roth, F., & Thum, A. E. (2013). Kapital intanġibbli u tkabbir fil-produttività tax-xogħol: Panel ta' evidenza għall-UE mill-1998–2005.Rieżami tad-Dħul u l-Ġid, 59 (3), 486e508. https://doi.org/10.1111/roiw.12009; Dimas, P., D. Stamopoulos and A. Tsakanikas (2022), 'Intangibles and Participation in Global Value Chains in the EU: Evidence from the GLOBALINTO Input-Output Intangibles Database', Economic and Business Review.

[20] Cour de comptes (2024) '*10 ans de politiques publiques en faveur de l'industrie*', paġni 86–87 ; *le Comité de surveillance des investissements d'avenir (2026), 'France 2030: un déploiement massif et rapide à pérenniser, un impact à renforcer', 2ce0410dc4f9499917f929e71c6f716395ef68aa.pdf.*

(30) In-negozji Franċiżi li qed jespandu għadhom qed jiffaċċaw diskrepanza mdaqqsa fil-finanzjament. Bħala medja, kumpanija Franċiża ġabret biss 60 % tal-kapital daqs kumpanija komparabbli fl-Istati Uniti, għaxar snin wara l-ħolqien tagħha[21]. Peress li n-negozji li qed jespandu huma aktar produttivi u aktar innovattivi minn ditti oħra, l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-innovazzjoni u ż-żieda fl-investiment fil-kapital ta' riskju u fl-ekwità privata jżidu l-prospetti ta' tkabbir ta' Franza. Dan jista' jinkiseb billi jiġu ingranati aktar il-fondi tal-investituri istituzzjonali, inkluż permezz tal-"inizjattiva Tibi", jiġi mobilizzat l-investiment bl-imnut u fl-aħħar mill-aħħar jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq tal-offerti pubbliċi inizjali (IPO)[22]. B'mod aktar ġenerali, l-ekosistema tat-tfaddil u tal-investiment fi Franza tista' tissaħħaħ għall-benefiċċju tal-ekonomija billi jiżdiedu l-parteċipazzjonijiet azzjonarji minn investituri istituzzjonali bħall-fondi tal-pensjonijiet u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u jitħeġġeġ l-investiment fl-ekwità minn investituri fil-livell tal-konsumatur, b'mod partikolari permezz tal-*Plan d'Epargne en Actions* (PEA).

---

[21] Fratto, C., Gatti, M., Kivernyk, A., Sinnott, E., & van der Wielen, W. (2024). Id-distakk fl-espansjoni: Restrizzjonijiet tas-suq finanzjarju li jżommu lura kumpaniji innovattivi fl-Unjoni Ewropea, Bank Ewropew tal-Investiment. https://doi.org/10.2867/382579.

[22] Skont l-istħarriġ tal-Ekwità tal-FEI tal-2025 (eif-equity-survey-2025.pdf), kważi nofs is-sħab ġenerali li jimmaniġġjaw il-fondi tal-kapital ta' riskju fl-Ewropa semmew is-swieq tal-offerti pubbliċi inizjali bħala ostaklu ewlieni għall-espansjoni. Ostakli oħra saħansitra aktar importanti jirriżultaw minn swieq frammentati, aċċess għall-kapital, u rieda aktar baxxa tal-investituri għar-riskju.

(31) Rabtiet aktar mill-qrib bejn ix-xjenza u n-negozju huma kruċjali għall-ġenerazzjoni tal-innovazzjoni. Ġiet introdotta firxa wiesgħa ta' entitajiet[23] u strumenti biex jappoġġaw tali kooperazzjoni fi Franza. Madankollu, il-kumplessità tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-ekosistema tal-valorizzazzjoni tar-riċerka ta' Franza, kif enfasizzat mill-*Inspection générale des finances* fl-2024[24], tirrappreżenta ostaklu sinifikanti. Rieżami tal-mudell ta' governanza u finanzjament tal-kumpaniji ta' aċċellerazzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija (SATT) u b'mod aktar ġenerali r-rwol tagħhom biex itejbu t-trasferiment tat-teknoloġija fil-livell lokali tnieda fl-2025, bl-objettiv ta' struttura organizzattiva ġdida sal-2027. Sabiex jittejbu l-eżiti tal-innovazzjoni, jeħtieġ li tiżdied l-effettività tal-ekosistemi tat-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija. Dan jista' jinkiseb billi jiġu mmirati eżiti konkreti, bħal żieda mdaqqsa fl-applikazzjonijiet għal privattivi, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, u l-ħolqien tan-negozju. Is-simplifikazzjoni tal-ekosistemi, pereżempju billi jiġu ssimplifikati r-rwoli tal-entitajiet eżistenti jew billi tingħata spinta lill-kollaborazzjoni bejniethom, tista' wkoll tagħti riżultati aħjar.

---

[23] Bħall-kumpaniji għall-aċċellerazzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija (*Sociétés d'accélération du transfert de technologies*, SATT), l-istituti għar-riċerka teknoloġika (*Instituts de Recherche Technologique*), u l-istituti tal-isptarijiet universitarji (*Instituts Hopitalo-Universitaires*).

[24] Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Investimenti għall-Futur. Evalwazzjoni tal-Ewwel Mewġa tal-Programm ta' Investiment Futur (PIA, 2009–2019), Novembru 2019, Le PIA, un outil à préserver, une ambition à refonder; Cour des comptes (2018), *Les outils du PIA consacrés à la valorisation de la recherche publique; Inspection générale des finances (2024), Évaluation des dispositifs Carnot.*

(32) Minkejja l-progress fid-diġitalizzazzjoni tal-SMEs u fl-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, Franza għadha taħt il-medja tal-UE. L-ostakli ewlenin tad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs jinkludu nuqqas ta' għarfien espert u ħiliet, tħassib dwar iċ-ċibersigurtà, u restrizzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari minħabba redditi mhux ċari fuq l-investiment. Id-dewmien fl-adozzjoni diġitali, b'mod partikolari fl-SMEs, huwa wieħed mill-fatturi li għandhom impatt fuq it-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività fi Franza. L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs hija kruċjali biex jintlaħqu l-miri diġitali tal-UE għall-2030, li jiddikjaraw li aktar minn 90 % tal-SMEs tal-Unjoni Ewropea għandhom jiksbu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali sal-2030. "France Num" tibqa' l-għodda pubblika ewlenija li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni bażika tal-SMEs, li taġixxi prinċipalment bħala network ta' partijiet ikkonċernati involuti fit-trasformazzjoni diġitali. Il-pjan il-ġdid "*Osez l'IA*" għandu l-għan li jxerred it-teknoloġiji tal-IA f'ditti kbar u fl-SMEs, u b'hekk jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni. Madankollu, la huwa mmirat lejn l-SMEs, u lanqas ma hu ffukat fuq id-diġitalizzazzjoni bażika.

(33) It-tnaqqis fir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni osservat fl-2024 kompla fl-2025. Is-setturi kollha mhumiex isegwu mal-limiti taż-żmien biex jilħqu l-miri tal-2030 stabbiliti fit-tielet abbozz ta' strateġija ta' Franza għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bl-akbar lakuni fil-bini u fit-trasport, aggravati mill-bjar tal-karbonju naturali li qed jonqsu, li jikkumpensaw għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG). It-trasport jibqa' s-sors ewlieni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi Franza. L-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq hija essenzjali biex jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. It-trasport tal-merkanzija fi Franza għadu fil-biċċa l-kbira bbażat fuq it-toroq. Biex tappoġġa bidla modali mit-triq għall-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, Franza jeħtieġ li tlesti n-Network Trans-Ewropew tat-Trasport biex iżżid il-kapaċità u d-densità tan-network kif ukoll tiżgura investimenti adegwati fl-infrastruttura ferrovjarja. Il-passaġġi fuq l-ilma interni joffru wkoll potenzjal għoli ta' dekarbonizzazzjoni u jistgħu jiġu sfruttati aktar billi tittejjeb il-kwalità tan-networks tal-passaġġi fuq l-ilma interni, l-interoperabbiltà tas-servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar, id-disponibbiltà tad-data, u d-densità tat-terminals. Franza tista' tkompli tħeġġeġ l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u b'emissjonijiet żero billi tiddiżinċentiva x-xiri ta' vetturi b'magna tal-kombustjoni, billi teżenta l-vetturi elettriċi tqal mill-pedaġġi fuq toroq b'veloċità għolja u tinternalizza l-kost estern tal-emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi tqal konvenzjonali fil-pedaġġi.

(34) Il-konsum finali tal-enerġija fis-settur tal-bini residenzjali u terzjarju fil-biċċa l-kbira staġna mill-2015 u żdied b'1 % fl-2024, u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra naqsu b'1,5 % biss fl-2025 (meta mqabbla ma' -0,7 % fl-2024), skont l-aħħar stimi minn Citepa. Franza għadha lura milli tilħaq it-tielet baġit tal-karbonju tagħha għas-settur[25]. Anke jekk l-iskema "MaPrimeRenov" inbidlet biex tippromwovi aktar rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-għadd ta' rinnovazzjonijiet fl-użu tal-enerġija naqsu b'10 %, li jirrifletti bidliet "stop-and-go" ripetuti għall-iskema. Din l-instabbiltà – permezz ta' interruzzjonijiet, tibdil fit-tip ta' xogħol eliġibbli u fil-kundizzjonijiet tal-introjtu għall-aċċess għall-finanzjament – dgħajfet il-momentum, naqqset il-prevedibbiltà għall-unitajiet domestiċi u għas-settur, u naqqset ir-ritmu tal-użu tal-pompi tas-sħana. Filwaqt li Franza dan l-aħħar adottat riformi biex issaħħaħ l-iskema taċ-ċertifikati tal-iffrankar tal-enerġija (CEE) u biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati qabel mill-Qorti tal-Awdituri Franċiża[26], il-bidla lejn finanzjament ibbażat fuq is-CEE teħtieġ monitoraġġ mill-qrib. Għalhekk, Franza jeħtieġ li żżid l-isforzi biex tilħaq il-mira tagħha tal-emissjonijiet tal-bini għall-2030 skont it-tielet abbozz ta' strateġija tagħha għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (SNBC-3), b'mod partikolari billi tissimplifika l-iskemi u tiżgura appoġġ stabbli u prevedibbli. Dan jinkludi l-prijoritizzazzjoni ta' rinnovazzjonijiet ambizzjużi (jiġifieri, li jiksbu mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija) u l-immirar lejn unitajiet domestiċi vulnerabbli.

---

[25] B'56 MtCO2e, Franza tinsab taħt it-tielet baġit tal-karbonju tagħha għas-settur, li huwa stabbilit għal medja ta' 52 MtCO2e matul l-2024–2028.

[26] Cour des Comptes, 2024 Les certificats d'économies d'énergie, communication à la commission des finances, de l'économie générale et du contrôle budgétaire de l'Assemblée nationale.

(35) Franza laħqet il-mira legalment vinkolanti tagħha għall-enerġija rinnovabbli għall-2020 fl-2024, bis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jammontaw għal 23,2 % tal-konsum finali tal-enerġija — erba' snin wara l-iskeda. Għadha lura meta mqabbel mal-kontribut indikattiv tagħha[27] għall-mira tal-UE għall-2030 ta' 42,5 %. Wara diversi snin ta' konsultazzjoni, it-tielet programm pluriennali tal-enerġija (PPE-3) finalment ġie adottat fi Frar 2026, u għen biex jiġi ċċarat il-qafas ta' politika u pprovda prevedibbiltà akbar għall-investimenti. Il-kisba tal-objettivi nazzjonali tal-2030 u l-2035 u r-restawr tal-fiduċja fost l-investituri u l-iżviluppaturi ser jirrikjedu l-implimentazzjoni sħiħa tal-Liġi dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli tal-2023[28], riforma inkluża fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Franza u fil-pjan fiskali-strutturali tagħha fuq terminu medju sabiex tirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali. Filwaqt li ġew adottati xi riformi, għad iridu jiġu indirizzati l-ostakli ewlenin, b'mod partikolari l-proċeduri tal-ħruġ ta' permessi bil-mod u kumplessi. Fl-aħħar nett, it-tnedija rapida tal-offerti fit-teknoloġiji kollha, flimkien ma' reġjonalizzazzjoni akbar tal-ippjanar tal-enerġija – b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi li jiffaċċaw restrizzjonijiet speċifiċi – ser ikunu essenzjali biex titwettaq l-ambizzjoni tal-enerġija rinnovabbli ta' Franza u tiġi appoġġata l-espansjoni tal-ktajjen tal-valur tat-teknoloġija nadifa domestika u tal-UE f'setturi strateġiċi.

[27] Il-formula stabbilita fl-Anness 2 tar-Regolament dwar il-Governanza tindika li l-mira ta' Franza għandha tkun ta' 44 % sal-2030.

[28] Madwar kwart tal-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għadhom pendenti u 16,000 muniċipalità biss iddeżinjaw "żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli".

(36) Il-perjodi ta' provvista żejda tal-elettriku u domanda staġnata fi Franza jistgħu jikkontribwixxu għal episodji aktar frekwenti ta' prezzijiet negattivi, it-tnaqqis tal-elettriku rinnovabbli u l-modulazzjoni nukleari. F'dak il-kuntest, il-mezzi ta' flessibbiltà, bħall-kapaċitajiet ta' rispons jew ħżin min-naħa tad-domanda, jista' jkollhom rwol dejjem aktar utli, fejn kosteffiċjenti, biex jottimizzaw is-sistema tal-elettriku, jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u jimmaniġġaw aħjar in-networks. Filwaqt li sar xi progress, inkluż b'kapaċitajiet addizzjonali tal-batteriji installati fl-2025, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu integrati l-volumi dejjem jiżdiedu ta' elettriku rinnovabbli u nadif. Dan huwa partikolarment importanti fid-dawl tat-tnaqqis mistenni fil-produzzjoni tal-enerġija tal-impjanti nukleari eżistenti sal-2050, u tar-riskju ta' interventi ta' manutenzjoni mhux ippjanati. Dan jenfasizza wkoll il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-grilja kemm domestika kif ukoll transfruntiera. L-operaturi tas-sistema tal-elettriku (RTE[29] u Enedis) impenjaw investimenti sostanzjali biex jespandu u jimmodernizzaw in-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. Madankollu, minkejja li Franza qed tagħmel progress ġenerali lejn il-ħtiġijiet projettati tagħha ta' investiment fl-infrastruttura, it-twassil jibqa' kontinġenti fuq manifattura u kapaċità umana suffiċjenti, inkluż il-produzzjoni u l-provvista ta' ħaddiema tas-sengħa u kejbils. B'paragun ma' dan, il-progress fi proġetti transfruntieri għadu limitat: il-livell ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' Franza fl-2025 kien taħt il-mira tal-UE għall-2030 ta' 15 %. Għalkemm Franza hija interkonnessa mal-pajjiżi ġirien tagħha u għaddejjin proġetti ġodda, id-dewmien jippersisti u proġetti ewlenin, bħall-interkonnessjoni trans-Pirinej, mhumiex riflessi bis-sħiħ fl-ippjanar attwali minkejja l-istatus tagħhom ta' Proġett ta' Interess Komuni. It-tisħiħ tal-kapaċità ta' interkonnessjoni transfruntiera jibqa' essenzjali biex jgħin fil-ġestjoni tal-ġenerazzjoni żejda tal-elettriku fuq terminu qasir, itejjeb l-integrazzjoni tas-suq tal-UE, il-flessibbiltà tas-sistema, u l-espansjoni rinnovabbli, b'mod partikolari mal-Peniżola Iberika.

[29] Il-pjan ta' investiment ewlieni ta' RTE ta' EUR 100 biljun sal-2040 ġie approvat mir-Regolatur Franċiż fi Frar 2026: Examen du schéma décennal de développement du réseau de RTE élaboré en 2025 | CRE.

(37) Iż-żieda reċenti fil-provvista u d-disponibbiltà ta' elettriku nadif (permezz ta' disponibbiltà akbar tal-flotta nukleari u varar solari aktar rapidu) flimkien ma' domanda ġeneralment stabbli u ħtieġa akbar għal soluzzjonijiet ta' flessibbiltà fis-sistema tal-elettriku, ikkontribwew għal sigħat aktar frekwenti ta' prezzijiet negattivi, volatilità ogħla tal-prezzijiet, tnaqqis ogħla tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u ħtieġa akbar għal modulazzjoni tal-output nukleari. Franza għandha taħlita tal-elettriku fil-biċċa l-kbira ħielsa mill-fjuwils fossili u kellha t-tielet l-aktar prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa baxxi madwar l-UE fl-2025, u b'hekk l-elettriku nadif sar vettur ekonomikament attraenti għad-dekarbonizzazzjoni. Madankollu, potenzjal sinifikanti ta' elettrifikazzjoni għadu ma ġiex sfruttat u jamplifika d-dinamika attwali tal-provvista żejda: is-sehem tal-elettriku fil-konsum finali tal-enerġija ta' Franza huwa ogħla mill-medja tal-UE, iżda baqa' staġnat matul l-aħħar għaxar snin, u żdied biss b'mod moderat minn 20 % fl-1990 għal 26 % fl-2024 skont id-dipartiment Franċiż tad-data u l-istudji statistiċi (SDES). Fl-2024, l-elettriku kien jammonta għal 35,4 % u 35,7 % tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi u tal-industrija rispettivament, filwaqt li s-sehem tiegħu fit-trasport baqa' baxx, bi 2,5 %. Għalhekk, aktar progress fl-elettrifikazzjoni fis-setturi kollha jgħin biex l-ekonomija tiġi dekarbonizzata b'mod kosteffettiv, jinħolqu żbokki addizzjonali għall-ġenerazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jiġi appoġġat l-argument għall-vijabbiltà għall-użu rinnovabbli u s-soluzzjonijiet ta' flessibbiltà. Dan jista' jinkiseb billi jiġi implimentat programm ta' elettrifikazzjoni tal-użi finali, b'miri ambizzjużi għal setturi b'emissjonijiet għoljin — bħat-trasport, it-tisħin u t-tkessiħ fil-bini, u l-industrija.

(38) L-iskarsezza tal-ilma qed tillimita dejjem aktar l-attività ekonomika b' 24-26 % tal-produzzjoni grossa ta' Franza esposta għal riskji tal-ilma tal-wiċċ u kostijiet relatati man-nixfa li jaqbżu l-EUR 5 biljun fl-2022. L-impatt tal-iskarsezza tal-ilma huwa transsettorjali u joħloq tensjonijiet fis-setturi intensivi fl-użu tal-ilma bħall-enerġija, l-agrikoltura, l-industrija u t-turiżmu fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni. Dawn il-pressjonijiet huma aggravati aktar mid-dipendenza ta' Franza fuq l-ilma għall-produzzjoni tal-elettriku (l-enerġija idroelettrika u t-tkessiħ nukleari), li r-riskji klimatiċi tagħha huma rikonoxxuti permezz tat-tielet Pjan Nazzjonali ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima (PNACC-3). Id-disparitajiet reġjonali jkomplu jamplifikaw dawn il-pressjonijiet: iż-żoni agrikoli intensivi huma affettwati mit-tniġġis min-nitrati u mill-pestiċidi; ir-reġjuni urbani u industrijali jiffaċċaw domanda għolja flimkien ma' diversi sustanzi niġġiesa (inkluż il-PFAS[30] u l-mikroplastiċi). L-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità għadu sfida b'diskrepanza sinifikanti fl-investiment annwali ta' madwar EUR 4.6 biljun, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi, minkejja programmi ta' investiment immirati bħall-Pjan tal-Ilma tad-Dipartimenti extra-Ewropej (PEDOM). It-tisħiħ tal-governanza tal-ilma nazzjonali u lokali huwa meħtieġ biex jiġu ġestiti aħjar id-domandi li jikkompetu ma' xulxin u jiġu solvuti l-kunflitti fis-setturi kollha, filwaqt li jiġu indirizzati l-lakuni fl-investiment f'infrastrutturi tal-ilma reżiljenti, jissaħħu l-monitoraġġ u t-trasparenza tal-kwalità tal-ilma, u tiġi ssalvagwardjata l-kwalità tal-ilma mit-tniġġis agrikolu u industrijali sabiex jitnaqqas l-impatt ekonomiku tal-iskarsezza tal-ilma u d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ilma. Fl-aħħar nett, dan it-titjib għandu jiġi inkorporat f'approċċ integrat għall-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima.

[30] Sustanzi per- u polifluworoalkilati (jiġifieri sustanzi kimiċi sintetiċi għal dejjem).

(39) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lil Franza jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

(40) Minkejja titjib sinifikanti, ir-rata ta' impjieg Franċiża għadha baxxa u għad hemm ostakli għall-impjieg, speċjalment għall-ħaddiema żgħażagħ. Minkejja l-isforzi biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ bi programmi appoġġati mill-RRF u l-FSE+ bħal "1 jeune, 1 solution" u "Contrat d'engagement jeune", il-qgħad fost iż-żgħażagħ (19,7 % fl-2025, 15-24 sena) u r-rati ta' persuni barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) (12,7 %, 15-29 sena fl-2025) qed jiżdiedu. L-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ huma partikolarment neqsin fir-reġjuni ultraperiferiċi, fiż-żoni rurali, fil-periferiji urbani u fit-territorji li għaddejjin minn tranżizzjoni industrijali. L-aċċess limitat għal akkomodazzjoni u trasport affordabbli jkompli jxekkel l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u dawn l-isfidi huma partikolarment akuti fir-reġjuni ultraperiferiċi. Waqt li t-tnedija tar-riforma ta' France Travail u l-implimentazzjoni attwali tal-Att dwar Okkupazzjoni Sħiħa għad iridu jiġu vvalutati, l-indirizzar ta' dawn l-ostakli, b'mod partikolari billi jittejbu l-immirar, il-konsistenza u s-sensibilizzazzjoni dwar l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, it-titjib tal-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-għażliet ta' mobbiltà u l-allinjament aħjar tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi jistgħu jtejbu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari taż-żgħażagħ, u jnaqqsu n-nuqqas ta' ħaddiema.

(41) Is-suq tax-xogħol Franċiż qed jiffaċċa wkoll spariġġi fil-ħiliet, b'mod partikolari f'setturi ewlenin bħas-setturi tal-manifattura, tal-kostruzzjoni, soċjali u tal-kura tas-saħħa li fihom jippersistu diffikultajiet ta' reklutaġġ. Franza investiet fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, bl-appoġġ tal-RRF u tal-FSE+, li wassal għal żieda żgħira fl-għadd ta' adulti li jipparteċipaw fit-taħriġ (49,2 % fl-2022, meta mqabbel ma' 48,4 % fl-2016). Madankollu, il-progress lejn il-mira tal-2030 ta' 65 % għadu kajman, b'mod partikolari fost il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk akbar fl-età. Għad hemm bżonn ta' allinjament aħjar tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u appoġġ aktar b'saħħtu għall-gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, it-tnaqqis reċenti fil-finanzjament tal-apprendistati u t-taħriġ[31] jista' jnaqqas il-parteċipazzjoni ġenerali. Nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, b'mod partikolari fl-iSTEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika), qed jillimita l-kapaċità ta' Franza li tissodisfa d-domanda dejjem tikber f'setturi xprunati mit-teknoloġija. B'mod partikolari, l-inġiniera industrijali u tal-ICT huma fost il-professjonijiet bl-aktar previżjonijiet ta' tkabbir b'saħħithom, madankollu, kważi 1 minn kull 4 impjiegi jirriskjaw li jibqgħu battala minħabba dawn in-nuqqasijiet ta' ħiliet. Ir-reġistrazzjoni fl-istudji STEM qed tonqos u għadha taħt il-medja tal-UE. L-isforzi biex tingħata spinta lir-reġistrazzjoni STEM fl-edukazzjoni sekondarja għolja u terzjarja, flimkien ma' interventi bikrija għal studenti b'potenzjal għoli, kif ukoll it-tisħiħ tat-taħriġ kontinwu għall-għalliema fl-oqsma STEM jgħinu biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet STEM fl-industriji ewlenin.

[31] Baġit 2026, Loi de Finances 2026.

(42) Is-sistema edukattiva Franċiża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' proficjenza fil-ħiliet bażiċi u fl-iSTEM[32]. Filwaqt li l-punteġġi tal-PISA jinsabu qrib il-medja tal-UE, is-sehem ta' żgħażagħ ta' 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fix-xjenza, fil-matematika u fil-qari żdied u jaqbeż il-mira tal-2030 ta' 15 %[33], b'mod partikolari fil-matematika, fejn is-sehem ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni naqas ukoll. Franza għandha wkoll waħda mill-akbar lakuni soċjoekonomiċi fl-UE[34], fejn l-isfond soċjoekonomiku jibqa' fattur ta' tbassir ċar tal-eżiti edukattivi. L-appoġġ eżistenti għal dawk b'kisbiet baxxi għadu insuffiċjenti, prinċipalment minħabba l-kopertura inadegwata tar-"réseaux d'éducation prioritaire" (network ta' edukazzjoni prijoritarja). L-espansjoni tal-oqsma ta' edukazzjoni ta' prijorità, l-adozzjoni ta' kriterji flessibbli għal skejjel żvantaġġati, u l-ingranaġġ tad-data tal-valutazzjoni tal-istudenti biex jitfasslu metodi ta' tagħlim, jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet individwali u tittejjeb il-prestazzjoni tal-istudenti fil-ħiliet bażiċi, minn età bikrija. Madankollu, bidliet frekwenti fil-politika rriżultaw fi żmien insuffiċjenti għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni u naqqsu s-sjieda mill-komunità tat-tagħlim u xekklu l-effettività tar-riformi.

---

32 Stħarriġ tal-2023 dwar ix-xejriet fl-Istudju Internazzjonali dwar il-Matematika u x-Xjenza (TIMSS).

33 Skont l-istħarriġ tal-2022 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment), 28,8 % ta' dawk li għandhom 15-il sena kellhom prestazzjoni baxxa fil-matematika fi Franza vs 29,5 % fl-UE, 26,9 % kellhom prestazzjoni baxxa fil-qari vs 26,2 % fl-UE u 23,8 % kellhom prestazzjoni baxxa fix-xjenza vs 24,2 % fl-UE.

34 OECD (2023). Riżultati ta' PISA 2022 (Volum I).

(43) Għad hemm sfidi sinifikanti fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema u l-kwalità tat-taħriġ tagħhom, li jimminaw l-attraenza tal-professjoni. Franza qed tiffaċċa riżerva dejjem tonqos ta' kandidati tat-tagħlim u attrizzjoni dejjem akbar fost il-persunal permanenti. Il-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu jinkludu remunerazzjoni inadegwata meta mqabbla mal-medja tal-UE[35], kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, rikonoxximent professjonali limitat, u opportunitajiet limitati għall-mobbiltà[36][37]. Barra minn hekk, l-aħħar stħarriġ TALIS jiżvela li l-għalliema Franċiżi jirrapportaw livell aktar baxx ta' sodisfazzjon kemm bl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema (ITE) kif ukoll bl-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) meta mqabbla mal-pari tal-UE, b'lakuni kritiċi fit-taħriġ, b'mod partikolari f'oqsma emerġenti bħall-integrazzjoni tal-IA. Iż-żieda fid-dipendenza fuq għalliema temporanji b'livelli aktar baxxi ta' kwalifiki u esperjenza u aċċess aktar baxx għat-taħriġ jistgħu jaffettwaw il-kwalità tat-tagħlim. Ittieħdu passi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tat-tagħlim, inkluża r-riforma tal-ITE tal-2025, li diġà wasslet għal żieda fl-applikazzjonijiet għall-eżami, li tissuġġerixxi żieda potenzjali fl-attraenza tal-professjoni. Madankollu, il-baġit tal-2026 aġixxa bis-soppressjoni ta' aktar minn 4000 post ta' għalliema, parzjalment iġġustifikat mit-tnaqqis demografiku iżda li llimita wkoll l-opportunitajiet biex jitnaqqsu d-daqsijiet tal-klassijiet. Ir-riforma tas-CPD tal-2022 għad trid turi titjib sostanzjali fil-kopertura tat-taħriġ, fl-aċċessibbiltà, jew fil-kwalità. Hemm lok għal aktar miżuri biex it-taħriġ inizjali u kontinwu jiġi allinjat aħjar mal-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-istudenti kollha[38] u biex l-għalliema u l-iskejjel jingħataw awtonomija akbar[39]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Awdituri twissi li, fil-prattika, il-kapijiet tal-għalliema għandhom ambitu limitat biex jadattaw għall-ħtiġijiet tal-istudenti u ċ-ċirkostanzi lokali[40].

---

35 Ir-remunerazzjoni tal-għalliema tikkorrispondi għal 82 % tas-salarju ta' ħaddiem b'edukazzjoni terzjarja (medja tal-UE: 85 %) u 26,6 % biss tal-għalliema huma sodisfatti bil-qligħ tagħhom (medja tal-UE: 37,3 %). OECD 2025, *Education at a Glance.*

36 France Stratégie, 2024, Working in Public Service: The Challenge of Attractiveness.

37 Cour de Comptes, Devenir enseignant : la formation initiale et le recrutement des enseignants des premier et second degrés, Rapport public thématique, 2023.

38 Education : comment mieux orienter la dépense publique, Conseil d'analyse économique, 2025, disponibbli fuq: Éducation : comment mieux orienter la dépense publique.

39 Lastra-Anadón, C. u S. Mukherjee (2019), "Cross-country evidence on the impact of decentralisation and school autonomy on educational performance", OECD Working Papers on Fiscal Federalism, Nru 26, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/c3d9b314-en.

40 Cour des comptes, Mobiliser la communauté éducative autour du projet d'établissement, Rapport public thématique, 2023.

(44) Filwaqt li r-rati tal-impjiegi żdiedu, ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali mar għall-agħar f'dawn l-aħħar snin. Fattur ewlieni ta' din ix-xejra hija l-prevalenza dejjem tikber tal-faqar fost dawk li jaħdmu li żdiedet f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari fost dawk li jaħdmu għal rashom u l-unitajiet domestiċi bit-tfal. Diversi fatturi jirfdu din iż-żieda: l-impjiegi part-time involontarji u frammentati jnaqqsu s-sigħat totali maħduma, filwaqt li żdied l-għadd ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom (mikroimprendituri u ħaddiema tal-pjattaformi)[41] bi qligħ baxx ħafna u awtonomija limitata. Barra minn hekk, in-nases tal-pagi baxxi u l-aċċess insuffiċjenti għat-taħriġ ifixklu l-progress fil-karriera u għad hemm tħassib dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi sigħat twal ta' xogħol u sehem għoli ta' aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar tan-nases tal-pagi baxxi, l-impjieg prekarju, it-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' taħriġ u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, inkluż għall-ħaddiema tal-pjattaformi jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu.

[41] Rapport pour la France. GDPoweR – Récupération des données des travailleurs au service de la négociation et du suivi des accords collectifs dans l'économie des plateformes. 2025.

(45) Is-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali laħaq 27,5 % fl-2025, ferm ogħla mill-bqija tal-popolazzjoni (19,1 %) u l-ħames l-ogħla rata fl-UE. Din iż-żieda tirriżulta minn diversi fatturi. Il-ġenituri jiffaċċaw diffikultajiet biex jiżguraw introjtu adegwat mix-xogħol, peress li 9,2 % tat-tfal jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna, waħda mill-ogħla rati fl-UE. Barra minn hekk, il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied drastikament fost l-unitajiet domestiċi bit-tfal, u affettwa b'mod partikolari lill-familji b'ġenitur wieħed, immexxija b'mod predominanti mill-ommijiet. Fost il-ġenituri waħedhom li jaħdmu, wieħed minn kull ħamsa kienu f'riskju ta' faqar fl-2025, bil-kawżi ewlenin jinkludu l-part-time involontarju u opportunitajiet ta' karriera mitlufa, spiss minħabba nuqqas ta' għażliet adegwati għall-indukrar tat-tfal. Filwaqt li d-disponibbiltà ġenerali tal-indukrar tat-tfal hija relattivament għolja fi Franza, l-aċċess għadu ferm inugwali: id-distakk bejn it-tfal vantaġġati u dawk żvantaġġati (36 punt perċentwali) huwa usa' mill-medja tal-UE (20 punt perċentwali). Fl-2023, 76 % tal-familji li jgħixu fil-faqar ma setgħux jaffordjaw l-indukrar tat-tfal[42]. Barra minn hekk, għad hemm tħassib dwar il-kwalità, id-disponibbiltà u l-kost tal-indukrar tat-tfal, li jvarjaw ħafna fit-territorju Franċiż. Id-disparitajiet territorjali fl-opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ, fl-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, it-trasport u s-servizzi tas-saħħa u soċjali jkomplu jfixklu l-kapaċità tal-ġenituri li jiżguraw paga li tiggarantixxi l-għajxien. Dawn l-isfidi huma aggravati miż-żieda fl-għoli tal-ħajja li kkontribwiet biex tiżdied il-privazzjoni materjali jew soċjali estrema fost it-tfal (10 % fl-2025, meta mqabbla ma' 7,9 % fl-UE), b'ġenituri waħedhom u familji kbar milquta l-aktar mill-kostijiet dejjem jiżdiedu tal-akkomodazzjoni, tal-enerġija u tal-ikel[43]. Iż-żieda fil-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fi Franza[44] qed taffettwa dejjem aktar lill-familji bit-tfal[45]. Minkejja r-riformi reċenti li għandhom l-għan li jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-familji, il-benefiċċji tat-tfal u l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma żammewx il-pass mal-inflazzjoni u l-kriterji ta' eliġibbiltà saru aktar stretti. Ir-rieżami tal-effettività tal-benefiċċji tal-familja u tal-akkomodazzjoni, l-indirizzar tal-ostakli għall-impjieg għall-ġenituri, it-titjib tal-aċċess għas-servizzi għall-indukrar tat-tfal u t-tnaqqis tad-disparitajiet territorjali fl-aċċess għas-servizzi jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal.

---

42 CNAF-ONAPE, L'accueil des jeunes enfants - Édition 2025, 2025, Observatoire national de la petite enfance (Onape) | CAF – Caisse d'Allocations Familiales.

43 INSEE, privation matérielle et sociale en 2025.

44 Fondation pour le Logement, '*31ème rapport sur le mal-logement en France en 2026*'' 2026.

45 UNICEF-FAS, *Baromètre Enfants à la rue*, 2025.

(46) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, fosthom permezz tal-RRPs tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għal Franza, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u l-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba', it-tmien u d-disa' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjoni (5) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Tiżgura li n-nefqa netta tirrispetta l-perkors korrettiv rakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2026 minħabba d-devjazzjoni pprojettata għall-2026 mill-Kummissjoni fir-rigward tal-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll l-adattament gradwali tal-baġit biex issostni nfiq strutturalment ogħla fid-difiża. Tiżgura li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Tkompli timplimenta s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-perjodu ta' aġġustament estiż kif irrakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025. Tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tqis il-ġustizzja u ssaħħaħ il-kontribut tagħha għall-impjiegi u t-tkabbir potenzjali. Tiddependi fuq l-eżitu tar-rieżamijiet tal-infiq biex tnaqqas l-infiq pubbliku b'mod dejjiemi u sinifikanti u ttejjeb l-effiċjenza tiegħu. Iċċaqlaq it-taxxi lil hinn mill-fatturi ta' produzzjoni għat-taxxi fuq il-konsum u dawk ambjentali, filwaqt li tirrazzjonalizza u tnaqqas l-infiq fiskali u soċjali tat-taxxa. Tnaqqas il-kumplessità amministrattiva billi telimina l-kompetenzi li jikkoinċidu, u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza fl-infiq. Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-ippjanar spazjali fir-reġjuni ultraperiferiċi.

2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.

3. Tissimplifika aktar ir-regolamentazzjoni nazzjonali, tnaqqas il-piż amministrattiv, u r-restrizzjonijiet regolatorji fuq id-ditti, b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni u tas-servizzi u tindirizza l-ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija. Issaħħaħ l-intensità tar-R&Ż tan-negozji billi timmira aħjar l-iskemi ta' appoġġ pubbliku li jinċentivaw ir-R&Ż tan-negozji u tippromwovi t-tixrid tal-innovazzjoni, billi ssostni l-appoġġ pubbliku permezz ta' pjan ta' investiment pluriennali u tinkoraġġixxi l-investiment fl-ekwità minn investituri istituzzjonali u fil-livell tal-konsumatur, b'mod partikolari l-appoġġ finanzjarju għan-negozji li qed jespandu u għall-innovazzjoni fixkiela. Tagħmel l-ekosistemi li jappoġġaw il-kollaborazzjoni bejn id-dinja akkademika u n-negozji aktar effettivi. Ittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, inkluż billi ttejjeb l-effettività tal-miżuri eżistenti ta' appoġġ pubbliku. Tkompli tippromwovi d-diversifikazzjoni u l-impjiegi fir-reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali.

4. Taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport billi tneħħi l-ostakli u tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu d-domanda u l-provvista ta' modi tat-trasport u vetturi b'emissjonijiet baxxi. Tagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika tal-bini u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi tiżgura appoġġ stabbli u prevedibbli b'enfasi partikolari fuq rinnovazzjonijiet ambizzjużi u unitajiet domestiċi vulnerabbli. Taċċellera l-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u nadifa inkluż billi tkompli tissimplifika l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi. Tippromwovi soluzzjonijiet ta' flessibbiltà bħar-rispons min-naħa tad-domanda, it-teknoloġiji tal-ħżin jew il-mezzi spedibbli nodfa, u tiżgura investiment suffiċjenti fil-kapaċità tal-grilja tal-elettriku u fl-interkonnessjonijiet transfruntieri. Taċċellera l-elettrifikazzjoni tal-użi finali b'enfasi fuq setturi b'emissjonijiet għoljin. Ittejjeb il-ġestjoni tal-ilma biex tindirizza aħjar id-domandi li jikkompetu bejn is-setturi intensivi fl-użu tal-ilma u tiżgura investimenti adegwati fl-infrastruttura tal-ilma, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi, u tissalvagwardja l-kwalità tal-ilma mit-tniġġis agrikolu u industrijali.

5. Tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet, billi tallinja t-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż fil-livell territorjali, u tagħti spinta lir-reġistrazzjoni fis-suġġetti tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM). Iżżid l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, billi tneħħi l-ostakli għall-edukazzjoni u l-impjiegi għaż-żgħażagħ u billi tespandi l-aċċess għat-taħriġ għal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u ħaddiema akbar fl-età. Ittejjeb l-eżiti edukattivi u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-edukazzjoni. Issaħħaħ il-professjoni tat-tagħlim, inkluż billi ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ inizjali u kontinwu tal-għalliema. Tipprevjeni u tnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-faqar fost it-tfal, billi tneħħi l-ostakli għal impjieg bi qligħ u sostenibbli, b'mod partikolari għall-ġenituri, billi ttejjeb l-aċċess għal servizzi għall-indukrar tat-tfal ta' kwalità għall-unitajiet domestiċi l-aktar żvantaġġati, u billi tnaqqas id-disparitajiet territorjali fl-aċċess għas-servizzi, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---